



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 16.7.2025
COM(2025) 541 final

2025/0541 (COD)

Proposta għal

REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

**li tistabbilixxi l-appoġġ tal-Unjoni għaż-żona Schengen, għall-ġestjoni integrata
Ewropea tal-fruntieri u għall-politika komuni dwar il-viżi għall-perijodu mill-2028 sal-
2034**

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. KUNTEST TAL-PROPOSTA

• Raġunijiet u objettivi

Il-Linji Gwida Politiċi tal-Kummissjoni 2024-2029 jenfasizzaw il-ħtieġa li tiġi żgurata żona Schengen kompluta u li tiffunzjona bis-sħiħ mingħajr kontroll fil-fruntieri interni permezz ta' fruntieri esterni aktar siguri, filwaqt li tingħata prijorità lis-sigurtà, il-ġestjoni tal-migrazzjoni u l-effiċjenza. Il-Ġestjoni Integrata Ewropea tal-Fruntieri tinsab fiċ-ċentru ta' dawn l-isforzi, filwaqt li tiżgura l-konsistenza bejn l-oqsma ta' politika interkonnessi, inklużi l-fruntieri, ir-ritorni u s-sorveljanza, kif ukoll bejn il-Frontex u l-awtoritajiet nazzjonali responsabbli għall-ġestjoni tal-fruntieri esterni tal-UE. F'termini ta' implimentazzjoni, il-qafas ta' governanza ta' Schengen, appoġġat mill-evalwazzjonijiet ta' Schengen, jipprovdi direzzjoni politika u strateġika għall-iżvilupp taż-żona Schengen, filwaqt li jiżgura li jiġu implimentati inizjattivi ewlenin, bħall-interoperabbiltà tas-sistemi tal-IT, u r-regoli rilevanti u li d-defiċits sistematiċi jiġu identifikati u rimedjati. Dan għandu jrawwem sens qawwi ta' responsabbiltà kondiviża u fiduċja reċiproka fost l-Istati Membri u l-Pajjiżi Assoċjati ma' Schengen.

Il-kuntest ġeopolitiku tal-Ewropa nbidel b'mod sinifikanti, u affettwa b'mod profund il-ġestjoni tal-fruntieri esterni tal-Unjoni. Iż-żieda ta' theddid ibrid u theddid ieħor għas-sigurtà inkluż l-użu tal-migrazzjoni bħala arma tagħti urġenza addizzjonali biex tiġi protetta l-fruntiera esterna. Sadanittant, il-migrazzjoni irregolari għadha fattur ewlieni, li jenfasizza l-ħtieġa li tiġi żgurata kooperazzjoni effettiva ma' pajjiżi mhux tal-UE flimkien ma' sħubijiet komprensivi ma' pajjiżi ta' oriġini u ta' tranżitu appoġġati permezz tar-Regolament (UE) [...] [Ewropa Globali]. Il-faċilitazzjoni ta' dħul klandestin ta' migranti hija negozju profittabbli għal networks kriminali b'faċilitaturi ta' dħul klandestin li jużaw rotot tal-art, tal-baħar u tal-ajru biex jiffaċilitaw il-migrazzjoni irregolari kemm lejn l-Unjoni Ewropea kif ukoll fi ħdanha. Huwa dejjem aktar assoċjat ma' ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem u mwiet, b'mod partikolari meta jseħħ bil-baħar. It-telf ta' ħajjiet tal-migranti f'idejn il-faċilitaturi ta' dħul klandestin fil-Baħar Mediterran jenfasizza l-ħtieġa akuta li tiġi indirizzata l-faċilitazzjoni ta' dħul klandestin ta' migranti, bl-użu tal-lievi legali, operazzjonali u amministrattivi kollha disponibbli.

Jeħtieġ li l-Istati Membri jkunu jistgħu jirrispondu malajr u b'mod effettiv għall-iżviluppi u jirċievu l-appoġġ tal-Unjoni għal dak l-għan.

Huwa essenzjali li jiġu żgurati l-iżvilupp u t-tħaddim u l-manutenzjoni siguri ta' sistemi tal-IT fuq skala kbira skont id-dritt tal-Unjoni fil-qasam tal-ġestjoni tal-fruntieri, jiġifieri s-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen (SIS), is-Sistema ta' Informazzjoni dwar il-Viża (VIS), l-Eurodac, is-Sistema ta' Dħul/Ħruġ (EES) u s-Sistema Ewropea ta' Informazzjoni u ta' Awtorizzazzjoni għall-Ivvjaġġar (EITAS), inkluża l-interoperabbiltà tagħhom, u l-infrastruttura ta' komunikazzjoni. L-istrument għandu jikkontribwixxi wkoll għal azzjonijiet li jtejbu l-kwalità tad-data u l-għoti ta' informazzjoni.

L-appoġġ tal-Unjoni għandu jkun disponibbli wkoll għall-Istati Membri biex jistabbilixxu l-għarfien espert u l-kapaċità operazzjonali meħtieġa biex jimplimentaw l-elementi rilevanti tal-Patt dwar l-Ażil u l-Migrazzjoni, jiġifieri r-Regolament (UE) 2024/1356¹ (ir-Regolament dwar "l-Iskrinjar") li jikkontribwixxi għal ġestjoni effiċjenti tal-fruntieri.

¹ Ir-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Mejju 2024 li jintroduċi l-iskrinjar ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi fil-fruntieri esterni u li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 767/2008, (UE)

Kemm iċ-ċittadini tal-UE kif ukoll iċ-ċittadini mhux tal-UE huma soġġetti għal kontrolli sistematiċi meta jaqsmu l-fruntieri esterni tal-UE. Bi kważi 600 miljun qasma rreġistrata fl-2023 biss, u l-għadd ta' qsim mistenni li jkompli jiżdied fis-snin li ġejjin, hemm ħtieġa ċara li l-kontrolli jitwettqu malajr u b'mod effiċjenti, bl-għajjn tas-sistemi tal-IT filwaqt li fl-istess ħin jinżamm livell għoli ta' sigurtà, filwaqt li jiġi żgurat li kull vjaġġatur jiġi ċċekkjat.

L-Istati Membri għandhom jaħdmu f'kooperazzjoni stretta mal-aġenziji rilevanti tal-UE, inklużi l-Frontex u l-eu-LISA, li għandhom jipprovdu l-għarfien espert tekniku u l-mezzi teknoloġiċi meħtieġa għas-sorveljanza u l-għarfien tas-sitwazzjoni. F'termini usa', il-korpi, l-uffiċċji u l-aġenziji rilevanti tal-Unjoni għandhom ikunu involuti mill-Kummissjoni f'attivitajiet rilevanti li għandhom l-għan li jiżguraw li l-miżuri appoġġati mill-Unjoni jikkonformaw mal-acquis rilevanti tal-Unjoni u l-prijoritajiet miftiehma tal-Unjoni.

Politika tal-UE dwar il-Viżi b'saħħitha hija wkoll kruċjali biex il-fruntieri jiġu siguri aħjar u tiġi ġestita l-migrazzjoni. L-appoġġ tal-Unjoni għandu jgħin b'mod partikolari lill-Istati Membri jtejbju l-effiċjenza tal-ipproċessar tal-viżi u jipprevjenu l-abbuż tar-reġim tal-viża tal-Unjoni. L-appoġġ tal-Unjoni huwa meħtieġ fir-rigward tad-diġitalizzazzjoni tal-ipproċessar tal-viżi, kif ukoll it-titjib tal-kopertura tas-servizzi konsulari madwar id-dinja u s-servizz għall-applikanti.

Il-proposta għandha l-għan li tindirizza l-ħtieġa għal flessibbiltà akbar fil-ġestjoni tal-appoġġ tal-Unjoni, inkluża orjentazzjoni tal-prestazzjoni aktar b'saħħitha, kif ukoll simplifikazzjoni msaħħa għall-atturi kollha involuti fl-implimentazzjoni tagħha. Għal dan l-għan, qed tiġi infurzata komplementarjetà stretta mal-proposta għal Regolament (UE) [...] li jistabbilixxi l-Fond Ewropew għall-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali, l-agrikoltura u ż-żoni rurali, is-sajd u s-settur marittimu, il-prosperità u s-sigurtà, li jintroduċi mekkaniżmi ġodda għall-allokazzjoni ta' finanzjament għal ġestjoni kondiviża, diretta u indiretta. Peress li l-isfidi fil-qasam tal-ġestjoni tal-fruntieri u l-migrazzjoni qed jevolvu b'mod kostanti, hemm ukoll il-ħtieġa li jiġu indirizzati l-ħtiġijiet u l-bidliet urġenti fil-politika u l-prijoritajiet tal-Unjoni, li jiġu indirizzati n-nuqqasijiet identifikati permezz tal-evalwazzjonijiet ta' Schengen u l-valutazzjoni tal-vulnerabbiltà tal-Frontex u li l-finanzjament jiġi orjentat lejn azzjonijiet b'livell għoli ta' valur miżjud tal-Unjoni, b'mod partikolari permezz ta' Faċilità tal-UE li toffri flessibbiltà fil-ġestjoni tal-appoġġ tal-Unjoni.

Din il-proposta, flimkien mal-proposta għal Regolament li jistabbilixxi l-appoġġ tal-Unjoni għall-Ażil, il-Migrazzjoni u l-Integrazzjoni u l-proposta għal Regolament li jistabbilixxi l-Appoġġ tal-Unjoni għas-sigurtà interna, jipprovdu l-qafas legali speċifiku għall-azzjoni tal-Unjoni fl-oqsma tal-ġestjoni integrata Ewropea tal-fruntieri esterni, iż-żona Schengen li tiffunzjona tajjeb u l-politika Ewropea dwar il-viżi, il-ġestjoni effiċjenti tal-flussi migratorji u s-sigurtà interna. Dawn it-tliet Regolamenti jikkomplementaw lil xulxin u jikkontribwixxu għall-oġġettivi tar-Regolament (UE) [...] li jistabbilixxi l-Fond Ewropew għall-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali, għall-agrikoltura u rurali, għas-sajd u għas-settur marittimu, għall-prosperità u għas-sigurtà, li permezz tiegħu se jiġu implimentati.

Ir-Regolament propost jibni fuq ir-Regolament (UE) 2021/1148² filwaqt li jqis żviluppi ġodda ta' politika u l-ħtieġa li jiġi pprovdut rispons aġli għall-isfidi li qed jevolvu li jikkonċernaw il-ġestjoni integrata Ewropea tal-fruntieri, inkluż il-funzjonament tajjeb taż-żona Schengen, u l-politika tal-UE dwar il-viżi.

2017/2226, (UE) 2018/1240 u (UE) 2019/817, ĠU L, 2024/1356, 22.5.2024, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2024/1356/oj>.

² Ir-Regolament (UE) 2021/1148 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-7 ta' Lulju 2021 li jistabbilixxi, bħala parti mill-Fond għall-Ġestjoni Integrata tal-Fruntieri, l-Istrument għall-appoġġ finanzjarju għall-Ġestjoni tal-fruntieri u l-Politika dwar il-Viżi.

- **Konsistenza mad-dispożizzjonijiet eżistenti tal-politika**

L-appoġġ tal-Unjoni għall-ġestjoni integrata Ewropea tal-fruntieri u l-politika Ewropea dwar il-viżi se jaħdmu f'komplementarjetà stretta mal-politiki l-oħra fl-ambitu tal-Pjanijiet ta' Sħubija Nazzjonali u Reġjonali, biex b'hekk jitravmu sinerġiji bejn dawn il-politiki. Bl-istess mod, iridu jiġu mfittxija sinerġiji u komplementarjetajiet b'mod partikolari mal-acquis ta' Schengen, u l-pakkett leġiżlattiv li jirfed il-Patt dwar il-Migrazzjoni u l-Ażil, daħal fis-seħħ fl-11 ta' Ġunju 2024. Madankollu, politika intensifikata tal-UE dwar il-ġestjoni integrata Ewropea tal-fruntieri u l-politika tal-UE dwar il-viżi teħtieġ azzjoni fl-ispettru sħiħ tal-ġhodod għad-dispożizzjoni tagħha, inklużi attivitajiet ta' aġenziji deċentralizzati rilevanti tal-Unjoni.

Is-sitt Aġenziji deċentralizzati għall-Affarijiet Interni (il-Frontex, l-Europol, l-EUAA, l-eu-LISA, l-EUDA u s-Cepol) għandhom rwol importanti u dejjem akbar fl-implimentazzjoni tal-politiki tal-Affarijiet Interni. Huwa essenzjali li tiġi żgurata l-koerenza bejn l-istrategġiji ta' politika stabbiliti fil-livell tal-UE u l-attivitajiet operazzjonali tal-aġenziji deċentralizzati, u b'hekk jiġi massimizzat ukoll il-kontribut għall-oġettivi ta' politika tal-UE mill-finanzjament tal-UE pprovdut lill-aġenziji deċentralizzati. Ir-rwol operazzjonali tal-aġenziji deċentralizzati jista' jeħtieġ aktar tisħiħ, akkumpanjat minn żieda korrispondenti fil-finanzjament.

- **Konsistenza ma' politiki oħra tal-Unjoni**

Il-ġestjoni integrata Ewropea tal-fruntieri u l-politika dwar il-viżi jiddependu fuq is-sinerġiji u l-koerenza mal-politiki rilevanti tal-UE bħall-ażil u l-migrazzjoni, is-sigurtà interna u l-politiki esterni tal-Unjoni li jappoġġaw pajjiżi terzi, speċjalment skont ir-Regolament (UE) [...] [Ewropa Globali], li jkopru firxa wiesgħa ta' oqsma b'rabtiet importanti mal-politiki interni, inkluż il-politiki dwar il-ġestjoni tal-fruntieri u l-viżi, b'mod partikolari, huwa importanti li tiġi żgurata koerenza akbar mal-appoġġ tal-Unjoni għall-kooperazzjoni dwar il-ġestjoni tal-fruntieri ma' pajjiżi sħab taħt l-Ewropa Globali, bil-ħsieb li jingħata kontribut għal approċċ koordinat, olistiku u strutturat li jimmassimizza s-sinerġiji u japplika l-ingranaġġ meħtieġ. F'dan il-kuntest, l-appoġġ għall-kooperazzjoni transfruntiera taħt l-Ewropa Globali huwa partikolarment rilevanti għat-tisħiħ tal-ġestjoni tal-fruntieri u t-tkomplija tal-isforzi għall-prevenzjoni tal-migrazzjoni irregolari.

Sabiex tiġi appoġġata l-aġenda tal-kompetittività, jenħtieġ li jiġu kkunsidrati wkoll investimenti bbażati fuq metodi innovattivi jew teknoloġiji ġodda, inklużi miżuri li għandhom l-għan li jittestjaw u jivvalidaw l-eżitu ta' proġetti ta' riċerka ffinanzjati mill-Unjoni.

- **Ġeometrija varjabbli**

Dan ir-Regolament jikkostitwixxi żvilupp tal-acquis ta' Schengen. B'konsegwenza ta' dan, l-applikazzjoni tar-Regolament għad-Danimarka u l-Irlanda hija soġġetta għal dispożizzjonijiet speċjali stabbiliti fil-Protokoll Nru 19 u l-Protokoll Nru 22 anness mat-TUE u t-TFUE.

F'konformità mal-Artikoli 1 u 2 tal-Protokoll Nru 22, ir-Regolament mhuwiex vinkolanti jew applikabbli fid-Danimarka. Madankollu, skont l-Artikolu 4 tal-Protokoll 22, id-Danimarka għandha tiddeċiedi jekk timplimentax u tkunx marbuta b'miżuri li jibnu fuq l-acquis ta' Schengen. Jekk tiddeċiedi li tagħmel dan, il-miżura toħloq obbligu skont id-dritt internazzjonali bejn id-Danimarka u l-Istati Membri l-oħra.

Bis-saħħa tal-Artikolu 4 tal-Protokoll Nru 19, l-Irlanda tista' fi kwalunkwe ħin titlob li tiegħu sehem f'xi wħud mid-dispożizzjonijiet jew fid-dispożizzjonijiet kollha tal-acquis ta' Schengen. Għalkemm l-Irlanda tiegħu sehem f'ċerti partijiet tal-acquis ta' Schengen, dan ir-Regolament ma jikkonċernax partijiet tal-acquis ta' Schengen li fihom tipparteċipa l-Irlanda. Bħala miżura li tikkostitwixxi l-iżvilupp tal-acquis ta' Schengen, ir-Regolament għandu jiġi nnotifikat lil erba' pajjiżi (l-Iżlanda, ir-Renju tan-Norveġja, il-Konfederazzjoni Żvizzeri u l-Prinċipat tal-Liechtenstein), li mhumex Stati Membri tal-Unjoni, iżda li jipparteċipaw fiż-

żona Schengen mingħajr kontrolli fil-fruntieri interni abbażi ta' ftehimiet ta' assoċjazzjoni konklużi mal-Unjoni. Ladarba jiġu nnotifikati, l-erba' pajjiżi assoċjati ma' Schengen se jkunu meħtieġa jikkonfermaw l-aċċettazzjoni tagħhom tal-kontenut tar-Regolament u jimplimentawh fil-liġi nazzjonali tagħhom. Il-miżuri proposti, bħala konsegwenza, se japplikaw ukoll għal daww l-erba' pajjiżi.

2. BAŻI LEGALI, SUSSIDJARJETÀ U PROPORZJONALITÀ

• Bażi legali

Skont l-Artikolu 3(2) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, "l-Unjoni toffri liċ-ċittadini tagħha żona ta' libertà, sigurtà u ġustizzja mingħajr fruntieri interni, li fiha l-moviment liberu tal-persuni jkun assigurat flimkien ma' miżuri xierqa f'dak li jirrigwarda l-kontrolli tal-fruntieri esterni, l-ażil, l-immigrazzjoni kif ukoll il-prevenzjoni tal-kriminalità u l-ġlieda kontra". Il-bażi legali għal din il-proposta tinsab fil-miżuri msemija fl-Artikolu 77(2) u fl-Artikolu 79(2)(c) u (d) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni (TFUE).

• Sussidjarjetà (għall-kompetenza mhux esklużiva)

L-oġġettivi tal-proposta ma jistgħux jintlaħqu jekk l-Istati Membri jaġixxu waħedhom, peress li l-isfida huma ta' natura transfruntiera, u ma humiex limitati għal Stati Membri individwali jew għal subsett ta' Stati Membri. L-appoġġ tal-Unjoni jgħodq valur miżjud billi jippromwovi approċċ komuni madwar l-Istati Membri fl-implimentazzjoni tal-acquis u l-istandards tal-UE u jrawwem kollaborazzjoni bejn l-Istati Membri dwar kwistjonijiet transnazzjonali.

• Proporzjonalità

Il-proposta ma tmurx lil hinn minn dak li hu meħtieġ biex jinkisbu l-oġġettivi msemija fit-taqsima 1. Dan jaqa' fil-kamp ta' applikazzjoni għal azzjoni fl-ispazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja, kif definit fit-Titolu V tat-Tielet Parti tat-TFUE. L-oġġettivi u l-appoġġ korrispondenti tal-Unjoni huma proporzjonati għal dak li l-istrument għandu l-għan li jikseb.

• Għażla tal-istrument

L-aktar strument xieraq għat-tħaddim tal-proposta attwali huwa Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi l-appoġġ tal-Unjoni għall-ġestjoni tal-fruntieri għall-perjodu mill-1 ta' Jannar 2028 sal-31 ta' Diċembru 2034 u li jikkomplementa l-proposta għal Regolament (UE) [...] li jistabbilixxi l-Fond Ewropew għall-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali, għall-agrikoltura u rurali, għas-sajd u għas-settur marittimu, għall-prosperità u għas-sigurtà.

3. RIŻULTATI TAL-EVALWAZZJONIJIET RETROSPETTIVI, TAL-KONSULTAZZJONIJIET MAL-PARTIJIET IKKONĊERNATI U TAL-VALUTAZZJONIJIET TAL-IMPATT

• Evalwazzjonijiet retrospettivi/kontrolli tal-idoneità tal-leġislazzjoni eżistenti

L-eżiti preliminari tal-evalwazzjoni ex post li għaddejjja tal-Fond għas-Sigurtà Interna - Fruntieri u Viżi (ISF-BV) għall-perjodu ta' programmazzjoni 2014-2020 jikkonfermaw li l-ISF-BV kien effettiv fl-appoġġ lill-Istati Membri fil-kisba tal-oġġettivi tagħhom fl-oqsma tal-politika dwar il-viżi u l-ġestjoni tal-fruntieri esterni. L-introduzzjoni ta' programmazzjoni pluriennali u regoli ta' eliġibbiltà nazzjonali kkontribwixxiet għat-tnaqqis tal-piż amministrattiv. Fejn ġew applikati, l-għażliet ta' kostijiet simplifikati rnexxielhom inaqqsu l-piż amministrattiv, madankollu, dawn ma ġewx adottati b'mod wiesa'. L-ISF-BV wera gradi differenti ta' kosteffettività u effiċjenza. L-ISF-BV kien koerenti fil-komponenti tal-Fond tiegħu u Fondi oħra tal-UE, madankollu, il-koerenza ma' Orizzont Ewropa u bejn il-

programmi nazzjonali u l-Azzjonijiet tal-Unjoni tista' tissaħħaħ aktar. L-ISF-BV ikkontribwixxa b'mod sinifikanti għall-valur miżjud tal-UE. L-evalwazzjoni ex post tikkonkludi b'mod preliminari li s-simplifikazzjoni tar-rekwiżiti ta' rapportar u tal-proċeduri amministrattivi, mingħajr ma titnaqqas il-kwalità u l-informazzjoni kwantitattiva meħtieġa għall-monitoraġġ tal-implimentazzjoni, tista' ttejjeb l-effiċjenza b'mod sinifikanti. Dan l-approċċ għandu jimminimizza l-piż amministrattiv u jippermetti lill-partijiet ikkonċernati jiffokaw fuq il-kisba tar-riżultati aktar milli fuq in-navigazzjoni tal-proċessi burokratiċi.

L-eżiti preliminari tal-evalwazzjoni ta' nofs it-terminu tal-Istrument għall-Ġestjoni tal-Fruntieri u għall-Viżi (BMVI) għall-perjodu ta' programmazzjoni 2021-2027 jikkonfermaw li l-qafas ta' monitoraġġ u evalwazzjoni għall-BMVI ra titjib sinifikanti meta mqabbel mal-perjodu 2014-2020. L-Istati Membri u l-benefiċjarji enfasizzaw it-tħassib dwar il-piż amministrattiv. S'issa, l-Awtoritajiet Maniġerjali għamlu użu limitat minn għażliet ta' kostijiet simplifikati u finanzjament mhux marbut mal-kost, li jista' jnaqqas il-piż amministrattiv. Il-programmi tal-Istati Membri u l-programmi ta' ħidma tal-Kummissjoni għall-Faċilità Tematika kienu koerenti ma' strumenti oħra ta' finanzjament nazzjonali u tal-UE. Madankollu, il-koerenza setgħet tissaħħaħ aktar bejn l-Azzjonijiet tal-Unjoni u l-programmi tal-Istati Membri, kif ukoll ma' Orizzont Ewropa biex tiżdied l-adozzjoni ta' soluzzjonijiet teknoloġiċi innovattivi. Fl-aħħar nett, il-BMVI rawwem il-kooperazzjoni, jiżgura l-konformità mal-istandards tal-UE, u saħħaħ il-qafas kollettiv tal-UE dwar il-ġestjoni tal-fruntieri u l-viżi. Azzjonijiet speċifiċi ġew apprezzati b'mod partikolari mill-partijiet ikkonċernati għall-flessibbiltà tagħhom u l-forniment ta' finanzjament addizzjonali ad hoc għal prijoritajiet speċifiċi. L-evalwazzjoni ta' nofs it-terminu tenfasizza wkoll l-importanza li jsir aktar progress fis-simplifikazzjoni tat-twassil tal-finanzjament, u li jiġi spjegat aħjar lill-Awtoritajiet ta' Ġestjoni kif il-qafas tal-prestazzjoni jista' jikkontribwixxi għall-ġestjoni effiċjenti tal-programmi, lil hinn mir-rapportar purament formali li huwa meħtieġ mir-regolament.

- **Konsultazzjonijiet mal-partijiet ikkonċernati**

Il-Kummissjoni involviet ruħha b'mod attiv mal-partijiet ikkonċernati fil-proċess tal-inizjattiva, b'mod partikolari permezz ta' avvenimenti ddedikati u attivitajiet ta' konsultazzjoni pubblika, kif dettaljat fil-kapitolu korrispondenti tal-memorandum ta' spjegazzjoni tal-proposta għal Regolament (UE) [...] li jistabbilixxi l-Fond Ewropew għall-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali, l-agrikoltura u ż-żoni rurali, is-sajd u s-settur marittimu, il-prosperità u s-sigurtà.

- **Għarfien espert estern**

Informazzjoni dwar l-użu mill-Kummissjoni ta' għarfien espert estern hija pprovduta fil-kapitolu korrispondenti tal-memorandum ta' spjegazzjoni tal-proposta għal Regolament (UE) [...] li jistabbilixxi l-Fond Ewropew għall-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali, l-agrikoltura u ż-żoni rurali, is-sajd u s-settur marittimu, il-prosperità u s-sigurtà.

- **Valutazzjoni tal-impatt**

Informazzjoni dwar il-Valutazzjoni tal-Impatt tal-Kummissjoni hija pprovduta fil-kapitolu korrispondenti tal-memorandum ta' spjegazzjoni tal-proposta għal Regolament (UE) [...] li jistabbilixxi l-Fond Ewropew għall-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali, l-agrikoltura u ż-żoni rurali, is-sajd u s-settur marittimu, il-prosperità u s-sigurtà.

- **Simplifikazzjoni**

L-inizjattiva hija mistennija li tikkontribwixxi għal tnaqqis sinifikanti fil-piż u fil-kostijiet amministrattivi, kif ukoll għal effiċjenza mtejbja fl-implimentazzjoni tal-appoġġ tal-Unjoni, ara wkoll il-kapitolu korrispondenti tal-memorandum ta' spjegazzjoni tal-proposta għal

Regolament (UE) [...] li jistabbilixxi l-Fond Ewropew għall-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali, għall-agrikoltura u rurali, għas-sajd u għas-settur marittimu, għall-prosperità u għas-sigurtà.

- **Drittijiet fundamentali**

L-appoġġ tal-Unjoni se jiġi implimentat f'konformità mal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea u mal-prinċipju tal-istat tad-dritt, kif stabbilit fl-Artikolu 2(a) tar-Regolament (UE, Euratom) 2020/2092, ara wkoll it-taqsima korrispondenti fil-Memorandum ta' Spjegazzjoni li jakkumpanja l-proposta tal-Kummissjoni għal Regolament (UE) [...] li jistabbilixxi l-Fond Ewropew għall-Prosperità u s-Sigurtà Ekonomika, Territorjali, Soċjali, Rurali u Marittima Sostenibbli.

4. IMPLIKAZZJONIJIET BAĠITARJI

Il-pakkett finanzjarju indikattiv għall-implimentazzjoni tal-oġġettivi taħt l-appoġġ tal-Unjoni huwa stabbilit għal EUR 15 396 750 000 biljun għall-perjodu mill-2028 sal-2034 fi prezzijiet attwali. Dan għandu jiġi implimentat f'konformità mar-regoli orizzontali għall-Pjanijiet ta' Sħubija Nazzjonali u Reġjonali stabbiliti fir-Regolament (UE) [...] li jistabbilixxi l-Fond Ewropew għall-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali, l-agrikoltura u ż-żoni rurali, is-sajd u s-settur marittimu, il-prosperità u s-sigurtà.

5. ELEMENTI OĦRA

- **Pjanijiet ta' implimentazzjoni u arranġamenti għall-monitoraġġ, l-evalwazzjoni u r-rapportar**

L-appoġġ tal-Unjoni fl-ambitu ta' din il-proposta se jiġi implimentat permezz ta' ġestjoni kondiviża mill-Istati Membri u ġestjoni diretta u indiretta mill-Kummissjoni. L-implimentazzjoni tal-appoġġ tal-Unjoni ser tiġi mmonitorjata permezz tal-qafas ta' prestazzjoni applikabbli għall-qafas finanzjarju pluriennali 2028–2034, li huwa stabbilit fil-proposta għal Regolament (UE) [...] li jistabbilixxi qafas ta' traċċar u prestazzjoni tan-nefqa baġitarja u regoli orizzontali oħra tal-programmi u l-attivitajiet tal-Unjoni.

- **Spjegazzjoni fid-dettall tad-dispożizzjonijiet speċifiċi tal-proposta**

Ir-Regolament propost jiddefinixxi fl-Artikolu 1 il-kamp ta' applikazzjoni tal-appoġġ tal-Unjoni għall-ġestjoni integrata tal-fruntieri tal-UE u l-politika tal-UE dwar il-viżi għall-perjodu mill-1 ta' Jannar 2028 sal-31 ta' Diċembru 2034. Għal dan, fl-Artikolu 2 jingħataw definizzjonijiet essenzjali, u l-oġġettivi huma definiti fl-Artikolu 3, f'konsistenza mal-appoġġ tal-Unjoni li ser jiġi pprovdut skont ir-regoli orizzontali tal-Fond Ewropew għall-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali, l-agrikoltura u ż-żoni rurali, is-sajd u t-trasport marittimu, il-prosperità u s-sigurtà stabbiliti bir-Regolament (UE) [...].

Fl-Artikolu 4, il-proposta tistabbilixxi dispożizzjonijiet għall-finanzjament tal-appoġġ tal-Unjoni, fl-Artikolu 5 dispożizzjonijiet għall-Pajjiżi Assoċjati ma' Schengen, u fl-Artikolu 6 dispożizzjonijiet għall-implimentazzjoni tal-operat tal-iskema ta' Tranżitu Speċjali fil-Litwanja.

Ir-Regolament propost jistabbilixxi wkoll fl-Artikolu 7 ir-regoli għat-trattament baġitarju tar-riżorsi għall-kostijiet operattivi tas-Sistema Ewropea ta' informazzjoni u ta' Awtorizzazzjoni għall-ivvjaġġar skont ir-Regolament (UE) 2018/1240 u fl-Artikolu 8 ir-regoli għat-trattament baġitarju tal-kontribuzzjonijiet finanzjarji mill-istati Membri għall-fini tar-Riżerva Annwali

ta' Solidarjetà stabbilita bir-Regolament (UE) 2024/1351 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Mejju 2024³.

L-Artikolu 9 jistabbilixxi d-dispożizzjonijiet tranżizzjonali. Id-data tad-dħul fis-seħħ tar-Regolament propost hija stabbilita fl-Artikolu 10, li jistipula li r-Regolament se jkun vinkolanti fl-intier tiegħu u applikabbli direttament fl-Istati Membri kollha f'konformità mat-Trattati mill-1 ta' Jannar 2028.

³ Ir-Regolament (UE) 2024/1351 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Mejju 2024 dwar il-ġestjoni tal-ażil u l-migrazzjoni u li jemenda r-Regolamenti (UE) 2021/1147, u (UE) 2021/1060 u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 604/2013 (ĠU L, 2024/1351, 22.5.2024, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2024/1351/oj>).

Proposta għal

REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

li tistabbilixxi l-appoġġ tal-Unjoni għaż-żona Schengen, għall-ġestjoni integrata Ewropea tal-fruntieri u għall-politika komuni dwar il-viżi għall-perijodu mill-2028 sal-2034

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 77(2) u l-punt (c) u (d) tal-Artikolu 79(2) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li l-abbozz tal-att leġiżlattiv intbagħat lill-parlamenti nazzjonali,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Komitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew⁴,

Wara li kkonsultaw lill-Komitat tar-Reġjuni,

Filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura leġiżlattiva ordinarja⁵,

Billi:

- (1) L-oġġettiv tal-Unjoni li tikkostitwixxi spazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja f'konformità mal-Artikolu 67(1) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE) jenħteġ li jinkiseb permezz tal-ġħoti ta' appoġġ mill-Unjoni għall-iżvilupp tal-politika komuni tal-Unjoni dwar il-kontroll tal-fruntieri esterni, inkluż għall-politika komuni dwar il-viżi skont l-Artikolu 77(2), il-punt (a) tat-TFUE.
- (2) Sabiex jiġi żgurat il-funzjonament effettiv u effiċjenti taż-żona Schengen mingħajr fruntieri interni, qafas ta' governanza b'saħħtu, ġestjoni integrata Ewropea effettiva tal-fruntieri, kif implimentata mill-Gwardja Ewropea tal-Fruntiera u tal-Kosta, stabbilita bir-Regolament (UE) 2019/1896 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁶, u l-politika tal-UE dwar il-viżi huma ta' importanza kbira biex jiġu żgurati l-integrità u r-reżiljenza taż-Żona Schengen.
- (3) Għalhekk jenħteġ li l-appoġġ tal-Unjoni jiġi pprovdut għall-isforzi tal-istati Membri biex jipproteġu l-fruntieri esterni tal-Unjoni, irażżnu l-qsim illegali tal-fruntieri u l-movimenti mhux awtorizzati bejn l-istati Membri, kif ukoll jimmodernizzaw u jtejbu l-effiċjenza ġenerali tal-ipproċessar tal-viżi u jipprevjenu l-abbuż tar-reġim tal-viża tal-Unjoni. Dan l-appoġġ tal-Unjoni għandu jiġi pprovdut skont ir-regoli orizzontali tal-Fond Ewropew għall-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali, l-agrikoltura u ż-żoni rurali, tas-sajd u marittimi, il-prosperità u s-sigurtà stabbiliti bir-Regolament (UE) [...].

⁴ ĠU C , , p. .

⁵ Il-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew ta' ... u l-pożizzjoni tal-Kunsill ta' ...

⁶ Ir-Regolament (UE) 2019/1896 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Novembru 2019 dwar il-Gwardja Ewropea tal-Fruntiera u tal-Kosta u li jħassar ir-Regolamenti (UE) Nru 1052/2013 u (UE) 2016/1624 (ĠU L 295, 14.11.2019, p. 1. ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2019/1896/oj>),

- (4) L-appoġġ tal-Unjoni jenħtieġ li jiġi pprovdut ukoll għall-implimentazzjoni, l-applikazzjoni u l-iżvilupp effettivi tal-qafas ta' Schengen fil-livell Ewropew u nazzjonali, inkluż permezz tat-tisħiħ tal-governanza nazzjonali ta' Schengen li tinkludi l-istrutturi effettivi ta' koordinazzjoni u l-proċessi strateġiċi li huma kritiċi għall-funzjonament tajjeb taż-żona Schengen.
- (5) Dan ir-Regolament jistabbilixxi l-oġġettivi tal-appoġġ tal-Unjoni għal żona Schengen li tiffunzjona tajjeb mingħajr kontroll fil-fruntieri interni, inkluż għall-ġestjoni integrata Ewropea tal-fruntieri, inkluż appoġġ għall-funzjonament taż-żona Schengen, u għall-politika Ewropea dwar il-viżi ("l-appoġġ tal-Unjoni"). Jenħtieġ li l-Istati Membri jiżguraw li l-Pjanijiet ta' Sħubija Nazzjonali u Reġjonali tagħhom jindirizzaw kull wieħed mill-oġġettivi stabbiliti minn dan ir-Regolament.
- (6) F'konformità mal-Att ta' Adeżjoni tal-Litwanja mal-UE, ir-Regolament jindirizza wkoll il-ħtieġa li l-Litwanja tiġi appoġġata għall-ġestjoni tat-tranżitu ta' persuni bejn ir-reġjun ta' Kaliningrad u partijiet oħra tal-Federazzjoni Russa.
- (7) L-ammonti li għandhom jiġu allokat għal kull Stat Membru jenħtieġ li jiġu stabbiliti mill-Kummissjoni f'konformità mal-metodoloġija tal-allokazzjoni stabbilita fir-Regolament (UE) [...] li jistabbilixxi l-Fond Ewropew għall-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali, l-agrikoltura u ż-żoni rurali, is-sajd u t-trasport marittimu, il-prosperità u s-sigurtà permezz ta' deċiżjoni ta' implimentazzjoni unika. Jenħtieġ li dik id-deċiżjoni bħala regola tkopri wkoll l-ammonti skont ir-Regolament (UE) [...] li jistabbilixxi l-Fond Ewropew għall-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali, l-agrikoltura u rurali, is-sajd u s-settur marittimu, il-prosperità u s-sigurtà, ir-Regolament (UE) [...] li jistabbilixxi l-appoġġ tal-Unjoni għall-ażil, il-migrazzjoni u l-integrazzjoni u r-Regolament (UE) [...] li jistabbilixxi l-appoġġ tal-Unjoni għas-sigurtà interna.
- (8) L-appoġġ tal-Unjoni jenħtieġ li jibni fuq ir-riżultati u l-investimenti mill-perjodi ta' programmazzjoni preċedenti: (i) il-Fond għall-Fruntieri Esterni għall-perjodu 2007-2013 stabbilit bid-Deċiżjoni 574/2007/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁷; (ii) l-istrument għall-fruntieri esterni u l-viża bħala parti mill-Fond għas-Sigurtà Interna għall-perjodu 2014-2020 stabbilit bir-Regolament (UE) Nru 515/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁸; u (iii) l-istrument għall-appoġġ finanzjarju għall-ġestjoni tal-fruntieri u l-politika dwar il-viżi bħala parti mill-Fond għall-Ġestjoni Integrata tal-Fruntieri għall-perjodu 2021-2027, stabbilit bir-Regolament (UE) 2021/1148 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁹.
- (9) Fid-dawl ta' xenarju globali li qed jinbidel u l-instabbiltà li qed tikber, l-Unjoni u l-Istati Membri tagħha jeħtieġ li jgħaqqdu r-riżorsi tagħhom biex jiproteġu l-fruntieri esterni tal-Unjoni b'mod effettiv, inkluż biex jindirizzaw il-migrazzjoni irregolari, il-faċilitazzjoni ta' dħul klandestin ta' migranti, it-traffikar tal-bnedmin, u jirrispondu minn fuq għall-atturi tal-Istat li joħolqu u jiffaċilitaw b'mod artifiċjali l-migrazzjoni irregolari, l-istrukturalizzazzjoni tal-flussi migratorji bħala għodda għal skopijiet

⁷ ĠU L 144, 6.6.2007, p. 22.

⁸ Ir-Regolament (UE) Nru 515/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' April 2014 li jistabbilixxi, bħala parti mill-Fond għas-Sigurtà Interna, l-istrument għall-appoġġ finanzjarju għall-fruntieri esterni u l-viża u li jħassar id-Deċiżjoni Nru 574/2007/KE (ĠU L 150, 20.5.2014, p. 143, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2014/515/oj>).

⁹ Ir-Regolament (UE) 2021/1148 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-7 ta' Lulju 2021 li jistabbilixxi, bħala parti mill-Fond għall-Ġestjoni Integrata tal-Fruntieri, l-istrument għall-Appoġġ Finanzjarju għall-Ġestjoni tal-Fruntieri u l-Politika dwar il-Viżi (ĠU L 251, 15.7.2021, p. 48, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2021/1148/oj>).

politiċi, u l-użu ta' tattiċi tal-gwerra ibridi, bħall-użu tal-migrazzjoni bħala arma¹⁰, biex jiddestabilizzaw l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha. Fl-interess tas-solidarjetà fiż-żona Schengen kollha kemm hi u fl-ispiritu ta' responsabbiltà kondiviża għall-protezzjoni tal-fruntieri esterni tal-Unjoni, il-Pjan ta' Sħubija Nazzjonali u Reġjonali tal-istat Membru jenħtieġ li jindirizza b'mod adegwat l-isfidi identifikati, b'mod partikolari fil-kuntest tal-istrateġija Ewropea għall-Ġestjoni integrata tal-Fruntieri, l-istrateġija tal-Politika Ewropea dwar il-Viżi u fl-arkitettura l-għdida tal-iT ta' Schengen li tiddependi fuq is-sistemi tat-teknoloġija tal-informazzjoni (iT) fuq skala kbira skjerati għall-ġestjoni tal-fruntieri esterni u tas-sigurtà kif ukoll fuq l-interoperabbiltà ta' daww is-sistemi. Barra minn hekk, b'appoġġ għall-missjoni ta' kontroll fil-fruntieri, jenħtieġ li jiġi kkunsidrat l-użu tat-teknoloġija u s-soluzzjonijiet diġitali.

- (10) L-appoġġ tal-Unjoni jenħtieġ li jikkontribwixxi biex jiġu żgurati l-konsistenza, il-koerenza, is-sinerġiji u l-komplementarjetajiet bejn il-politiki interni u esterni tal-Unjoni. Hija meħtieġa koerenza akbar bejn il-politiki dwar il-migrazzjoni, l-ażil, ir-ritorn u daww esterni u huwa importanti li jiġi żgurat li l-assistenza esterna tal-Unjoni u l-appoġġ tal-Unjoni skont dan ir-Regolament jikkontribwixxu għal approċċ koordinat, olistiku u strutturat għall-migrazzjoni, filwaqt li jimmassimizzaw is-sinerġiji u jżidu l-influwenza. L-appoġġ tal-Unjoni skont dan ir-Regolament jista' jinkludi wkoll appoġġ għar-riżorsi rilevanti tad-delegazzjonijiet tal-UE f'każijiet debitament ġustifikati, u jkun ikkoordinat bejn l-istati Membri u l-Kummissjoni fl-istadji ta' programmazzjoni u implimentazzjoni.
- (11) L-Ewropa trid tipproteġi l-interess tas-sigurtà tagħha kontra fornituri li jistgħu jirrappreżentaw riskju persistenti għas-sigurtà minħabba l-interferenza potenzjali minn pajjiżi terzi kif ukoll il-prattiki taċ-ċibersigurtà tagħhom. Għalhekk huwa meħtieġ li jitnaqqas ir-riskju ta' dipendenza persistenti fuq fornituri b'riskju għoli fis-suq intern, peress li dawn jista' jkollhom impatti negattivi potenzjalment serji fuq is-sigurtà għall-utenti, il-kumpaniji u l-awtoritajiet madwar l-UE u l-infrastruttura kritika tal-UE f'termini tal-integrità tad-data u s-servizzi kif ukoll id-disponibbiltà tas-servizz. Din l-esklużjoni għandha tkun ibbażata fuq valutazzjoni tar-riskju proporzjonata u miżuri ta' mitigazzjoni assoċjati kif definiti fil-politiki u l-liġijiet tal-Unjoni.
- (12) Peress li l-isfidi fil-ġestjoni tal-fruntieri u l-politika dwar il-viżi qed jevolvu b'mod kostanti, hemm bżonn li l-allokazzjoni tal-appoġġ tal-Unjoni tiġi adattata għall-bidliet fil-prijoritajiet għall-ġestjoni tal-fruntieri esterni u l-politika dwar il-viżi, inklużi bidliet li jirriżultaw minn pressjoni akbar fil-fruntiera, u ħtieġa li l-finanzjament jiġi orjentat lejn il-prijoritajiet bl-ogħla valur miżjud tal-Unjoni. Sabiex jiġu indirizzati l-ħtiġijiet urġenti u l-bidliet fil-politika u l-prijoritajiet tal-Unjoni, u biex il-finanzjament jiġi orjentat lejn azzjonijiet b'livell għoli ta' valur miżjud tal-Unjoni, parti mill-appoġġ tal-Unjoni jenħtieġ li tiġi implimentata b'ġestjoni diretta, kondiviża u indiretta permezz tal-Faċilità tal-UE stabbilita skont ir-Regolament (UE) [...] li jistabbilixxi l-Fond Ewropew għall-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali, l-agrikoltura u ż-żoni rurali, is-sajd u t-trasport marittimu, il-prosperità u s-sigurtà. il-Faċilità tal-UE toffri flessibbiltà fil-ġestjoni tal-appoġġ tal-Unjoni, u, għal ġestjoni kondiviża, jenħtieġ li tiġi implimentata permezz tal-Pjanijiet ta' Sħubija Nazzjonali u Reġjonali tal-istati Membri.

¹⁰ Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar il-ġlieda kontra t-theddid ibridu mill-użu tal-migrazzjoni bħala arma u t-tisħiħ tas-sigurtà fil-fruntieri esterni tal-UE (COM(2024) 570 final tal-11.12.2024).

- (13) Jenħtiegħ li l-Kummissjoni u l-istati Membri jiżguraw li l-għarfien u l-esperjenza tal-korpi, l-uffiċċji u l-aġenziji tal-Unjoni jitqiesu fl-implimentazzjoni ta' miżuri jew fl-indirizzar tal-isfidi fir-rigward tal-ġestjoni tal-migrazzjoni, il-kontroll u l-ġestjoni tal-fruntieri u s-sigurtà interna. Fejn xieraq, jenħtiegħ li l-Kummissjoni tkun tista' tinvolvi wkoll lill-korpi, l-uffiċċji u l-aġenziji rilevanti tal-Unjoni f'attivitajiet li għandhom l-għan li jiżguraw li l-miżuri appoġġati mill-appoġġ tal-Unjoni jikkonformaw mal-acquis rilevanti tal-Unjoni u l-prijoritajiet miftiehma tal-Unjoni.
- (14) Jenħtiegħ li l-appoġġ tal-Unjoni jappoġġa miżuri marbuta mal-kontroll fil-fruntieri esterni fit-territorju tal-pajjiżi li japplikaw l-acquis ta' Schengen bħala parti mill-implimentazzjoni tal-ġestjoni integrata Ewropea tal-fruntieri, li jsaħħu il-funzjonament ġenerali taż-żona Schengen. Sabiex jiġu speċifikati n-natura u l-modi tal-parteċipazzjoni fl-appoġġ tal-Unjoni tal-pajjiżi assoċjati mal-implimentazzjoni, l-applikazzjoni u l-iżvilupp tal-acquis ta' Schengen, jenħtiegħ li jiġu konklużi arranġamenti ulterjuri bejn l-Unjoni u dawk il-pajjiżi skont id-dispożizzjonijiet rilevanti tal-ftehimiet ta' assoċjazzjoni rispettivi bejn dawk il-pajjiżi u l-Unjoni.
- (15) L-appoġġ tal-Unjoni jenħtiegħ li jkompli jikkontribwixxi għall-implimentazzjoni, l-iżvilupp u l-governanza taż-żona Schengen biex jippromwovi żona mingħajr kontroll fil-fruntieri interni. Jenħtiegħ li tkompli tappoġġa l-miżuri marbuta mal-kontroll tal-fruntieri esterni fit-territorju tal-pajjiżi li japplikaw l-acquis ta' Schengen bħala parti mill-implimentazzjoni tal-ġestjoni integrata Ewropea tal-fruntieri, li ssaħħaħ il-funzjonament ġenerali taż-żona Schengen.
- (16) L-appoġġ tal-Unjoni jenħtiegħ li jikkontribwixxi għall-immodernizzar u t-titjib tal-effiċjenza tal-ipproċessar tal-viżi f'termini ta' detezzjoni u valutazzjoni tar-riskji għas-sigurtà u l-migrazzjoni irregolari, filwaqt li tiġi żgurata l-implimentazzjoni effettiva tal-Kodiċi dwar il-Viżi. B'mod partikolari, l-appoġġ tal-Unjoni jenħtiegħ li jikkontribwixxi għad-diġitalizzazzjoni tal-ipproċessar tal-viżi bl-oġettiv li jiġu pprovduti proċeduri tal-viża rapidi, siguri u faċli għall-klijenti għall-benefiċċju kemm tal-applikanti għal viża kif ukoll tal-konsulati. L-appoġġ tal-Unjoni jenħtiegħ li jservi wkoll biex itejjeb is-servizz għall-applikanti għal viża, inkluż permezz ta' kopertura aħjar tas-servizzi konsulari madwar id-dinja.
- (17) L-istati Membri jistgħu jibnu fuq il-prinċipju tas-sħubija fl-implimentazzjoni tal-appoġġ tal-Unjoni biex tiġi żgurata l-kontinwità fl-approċċ ta' governanza.
- (18) Skont l-Artikolu 86 tar-Regolament (UE) 2018/1240 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹¹, jenħtiegħ li l-kostijiet operatorji tas-Sistema Ewropea ta' Informazzjoni u ta' Awtorizzazzjoni għall-Ivvjaġġar (European Travel Information and Authorisation System, ETIAS) ikunu koperti mid-dħul iġġenerat mit-tariffi tal-awtorizzazzjoni għall-ivvjaġġar. Jenħtiegħ li dan ir-Regolament jistabbilixxi regoli sabiex jagħmel disponibbli għall-Istati Membri s-sehem rispettiv tagħhom tat-tariffi tal-ETIAS biex ikopru l-kostijiet operattivi rilevanti tagħhom, inklużi modalitajiet f'każijiet meta l-kostijiet operattivi totali tagħhom f'sena partikolari jaqbżu d-dħul disponibbli tal-ETIAS.
- (19) Minħabba li l-Istati Membri soġġetti għal pressjoni migratorja jenħtiegħ li jkunu jistgħu jiddependu fuq l-appoġġ tal-Unjoni, jenħtiegħ li dan ir-Regolament jistabbilixxi r-regoli sabiex jagħmel disponibbli għall-Istati Membri benefiċjarji s-sehem rispettiv tal-

¹¹ Ir-Regolament (UE) 2018/1240 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Settembru 2018 li jistabbilixxi s-Sistema Ewropea ta' Informazzjoni u ta' Awtorizzazzjoni għall-Ivvjaġġar (ETIAS) u li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1077/2011, (UE) Nru 515/2014, (UE) 2016/399, (UE) 2016/1624 u (UE) 2017/2226 (ĠU L 236, 19.9.2018, p. 1, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2018/1240/oj>).

kontribuzzjonijiet finanzjarji inklużi fir-Riżerva Annwali ta' Solidarjetà stabbilita bir-Regolament (UE) 2024/1351¹².

- (20) L-azzjonijiet kollha appoġġati f'konformità mal-appoġġ tal-Unjoni skont dan ir-Regolament jenħtieġ li jiġu implimentati f'konformità mad-drittijiet u l-prinċipji minquxa fl-acquis tal-Unjoni u fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea u jenħtieġ li jkunu konformi mal-obbligi internazzjonali tal-Unjoni u tal-istati Membri li jirriżultaw mill-istrumenti internazzjonali li huma parti għalihom.
- (21) F'konformità mal-Protokoll Nru 5 għall-Att tal-Adeżjoni tal-2003 dwar it-tranżitu ta' persuni bl-art bejn ir-reġjun ta' Kaliningrad u partijiet oħra tal-Federazzjoni Russa¹³, l-Unjoni għandha tassisti lil-Litwanja fil-ġestjoni tat-tranżitu ta' persuni bejn ir-reġjun ta' Kaliningrad u l-partijiet l-oħra tal-Federazzjoni Russa u għandha, b'mod partikolari, tħallas kwalunkwe kost addizzjonali mġarrba bl-implimentazzjoni tad-dispożizzjonijiet speċifiċi tal-acquis li jipprevedu tali tranżitu. Għalhekk, jenħtieġ li dan ir-Regolament jistabbilixxi r-regoli għall-appoġġ finanzjarju għall-Iskema ta' Tranżitu Speċjali stabbilita bir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 693/2003¹⁴.
- (22) Fir-rigward tal-Iżlanda u n-Norveġja, dan ir-Regolament jikkostitwixxi żvilupp tad-dispożizzjonijiet tal-acquis ta' Schengen fis-sens tal-Ftehim konkluż mill-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Iżlanda u r-Renju tan-Norveġja dwar l-assoċjazzjoni ta' dawk iż-żewġ Stati mal-implimentazzjoni, l-applikazzjoni u l-iżvilupp tal-acquis ta' Schengen¹⁵, li jaqgħu fil-qasam imsemmi fl-Artikolu 1, punti A u B, tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/437/KE¹⁶.
- (23) Fir-rigward tal-Iżvizzera, dan ir-Regolament jikkostitwixxi żvilupp tad-dispożizzjonijiet tal-acquis ta' Schengen, fis-sens tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea, il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar l-assoċjazzjoni tal-Konfederazzjoni Żvizzera mal-implimentazzjoni, l-applikazzjoni u l-iżvilupp tal-acquis ta' Schengen¹⁷, li jaqgħu fil-qasam imsemmi fl-Artikolu 1, punti A u B, tad-Deċiżjoni 1999/437/KE moqri flimkien mal-Artikolu 3 tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2008/146/KE¹⁸.

¹² Ir-Regolament (UE) 2024/1351 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Mejju 2024 dwar il-ġestjoni tal-ażil u l-migrazzjoni u li jemenda r-Regolamenti (UE) 2021/1147, u (UE) 2021/1060 u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 604/2013 (ĠU L, 2024/1351, 22.5.2024, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2024/1351/oj>).

¹³ L-Att dwar il-kondizzjonijiet ta' adeżjoni tar-Repubblika Ċeka, ir-Repubblika tal-Estonja, ir-Repubblika ta' Ċipru, ir-Repubblika tal-Latvja, ir-Repubblika tal-Litwanja, ir-Repubblika tal-Ungerija, ir-Repubblika ta' Malta, ir-Repubblika tal-Polonja, ir-Repubblika tas-Slovenja, u r-Repubblika Slovakkja, u l-aġġustamenti għat-Trattati li fuqhom l-Unjoni Ewropea hija stabbilita (ĠU L 236, 23.9.2003, p. 955, ELI: http://data.europa.eu/eli/treaty/acc_2003/act_1/pro_10/sign).

¹⁴ Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 693/2003 tal-14 ta' April 2003 li jistabbilixxi Dokument speċifiku ta' Tranżitu Faċilitat (FTD), Dokument ta' Tranżitu Faċilitat bil-Ferroviji (FRTD) u jemenda l-Istruzzjonijiet Konsulari Komuni u l-Ktieb tal-Istruzzjonijiet Komuni (ĠU L 99, 17.4.2003, p. 8, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2003/693/oj>).

¹⁵ ĠU L 176, 10.7.1999, p. 36.

¹⁶ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/437/KE tas-17 ta' Mejju 1999 dwar ċerti arranġamenti għall-applikazzjoni tal-Ftehim konkluż mill-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Iżlanda u r-Renju tan-Norveġja dwar l-assoċjazzjoni ta' dawn iż-żewġ Stati mal-implimentazzjoni, l-applikazzjoni u l-iżvilupp tal-acquis ta' Schengen (ĠU L 176, 10.7.1999, p. 31, ELI: <http://data.europa.eu/eli/dec/1999/437/oj>).

¹⁷ ĠU L 53, 27.2.2008, p. 52.

¹⁸ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2008/146/KE tat-28 ta' Jannar 2008 dwar il-konklużjoni f'isem il-Komunità Ewropea, tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea, il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar

- (24) Fir-rigward tal-Liechtenstein, dan ir-Regolament jikkostitwixxi żvilupp tad-dispożizzjonijiet tal-acquis ta' Schengen fis-sens tal-Protokoll bejn l-Unjoni Ewropea, il-Komunità Ewropea, il-Konfederazzjoni Żvizzeri u l-Prinċipat tal-Liechtenstein dwar l-adeżjoni tal-Prinċipat tal-Liechtenstein mal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea, il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzeri dwar l-assoċjazzjoni tal-Konfederazzjoni Żvizzeri mal-implimentazzjoni, l-applikazzjoni u l-iżvilupp tal-acquis ta' Schengen¹⁹, li jaqgħu fil-qasam imsemmi fl-Artikolu 1, punti A u B tad-Deċiżjoni 1999/437/KE moqri flimkien mal-Artikolu 3 tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2011/350/UE²⁰.
- (25) F'konformità mal-Artikoli 1 u 2 tal-Protokoll Nru 22 dwar il-pożizzjoni tad-Danimarka, anness mat-TUE u mat-TFUE, id-Danimarka mhijiex qed tiegħu sehem fl-adozzjoni ta' dan ir-Regolament u mhijiex marbuta bih jew soġġetta għall-applikazzjoni tiegħu. Ladarba dan ir-Regolament jibni fuq l-acquis ta' Schengen, jenħtieġ li d-Danimarka, f'konformità mal-Artikolu 4 ta' dak il-Protokoll, tiddeċiedi, fi żmien sitt xhur wara li l-Kunsill ikun iddeċieda dwar dan ir-Regolament, jekk hijiex ser timplimenta dan ir-Regolament fil-liġi nazzjonali tagħha.
- (26) Dan ir-Regolament jikkostitwixxi żvilupp tad-dispożizzjonijiet tal-acquis ta' Schengen li fihom l-Irlanda mhijiex qed tiegħu sehem, f'konformità mad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2002/192/KE²¹. Għalhekk l-Irlanda mhijiex qed tiegħu sehem fl-adozzjoni ta' dan ir-Regolament u mhijiex marbuta bih jew soġġetta għall-applikazzjoni tiegħu,

ADOTTAW DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Suġġett

Dan ir-Regolament jistabbilixxi l-oġġettivi u l-finanzjament tal-appoġġ tal-Unjoni għall-ġestjoni integrata Ewropea tal-fruntieri u għall-politika Ewropea dwar il-viżi għall-perjodu mill-1 ta' Jannar 2028 sal-31 ta' Diċembru 2034. L-appoġġ tal-Unjoni għandu jikkontribwixxi għall-funzjonament taż-żona Schengen, għall-ġestjoni effiċjenti tal-fruntieri esterni u għall-effiċjenza tal-politika dwar il-viżi, inkluż billi jipprovdi appoġġ għall-implimentazzjoni, it-tisħiħ u l-iżvilupp tal-elementi rilevanti tal-Patt dwar il-Migrazzjoni u l-Ażil, u għal livell għoli ta' sigurtà interna fl-Unjoni, filwaqt li jippreserva n-nuqqas ta' kwalunkwe kontroll fuq persuni meta jaqsmu l-fruntieri interni.

Dan l-appoġġ tal-Unjoni għandu jingħata skont ir-regoli orizzontali tal-Fond Ewropew għall-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali, l-agrikoltura u ż-żoni rurali, tas-sajd u marittimi, il-prosperità u s-sigurtà stabbiliti bir-Regolament (UE) [...].

l-assoċjazzjoni tal-Konfederazzjoni Żvizzeri mal-implimentazzjoni, l-applikazzjoni u l-iżvilupp tal-acquis ta' Schengen (ĠU L 53, 27.2.2008, p. 1, ELI: <http://data.europa.eu/eli/dec/2008/146/oj>).

¹⁹ ĠU L 160, 18.6.2011, p. 21, ELI: <http://data.europa.eu/eli/prot/2011/350/oj>.

²⁰ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2011/350/UE tas-7 ta' Marzu 2011 dwar il-konklużjoni, f'isem l-Unjoni Ewropea, tal-Protokoll bejn l-Unjoni Ewropea, il-Komunità Ewropea, il-Konfederazzjoni Żvizzeri u l-Prinċipat tal-Liechtenstein dwar l-adeżjoni tal-Prinċipat tal-Liechtenstein mal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea, il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzeri dwar l-assoċjazzjoni tal-Konfederazzjoni Żvizzeri mal-implimentazzjoni, l-applikazzjoni u l-iżvilupp tal-acquis ta' Schengen, relatat mal-abolizzjoni tal-verifiki mal-fruntieri interni u l-moviment tal-persuni (ĠU L 160, 18.6.2011, p. 19, ELI: <http://data.europa.eu/eli/dec/2011/350/oj>).

²¹ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2002/192/KE tat-28 ta' Frar 2002 rigward it-talba tal-Irlanda biex tiegħu sehem f'xi dispożizzjonijiet tal-acquis ta' Schengen (ĠU L 64, 7.3.2002, p. 20, ELI: <http://data.europa.eu/eli/dec/2002/192/oj>).

Definizzjonijiet

Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

- (1) “punt ta’ qsim tal-fruntiera” tfisser il-punt ta’ qsim tal-fruntiera kif definit fl-Artikolu 2, il-punt (8), tar-Regolament (UE) 2016/399²²;
- (2) “għestjoni integrata Ewropea tal-fruntieri” tfisser għestjoni integrata Ewropea tal-fruntieri kif imsemmija fl-Artikolu 3 tar-Regolament (UE) 2019/1896²³;
- (3) “fruntieri esterni” tfisser fruntieri esterni kif definiti fil-punt 2 tal-Artikolu 2 tar-Regolament (UE) 2016/399²⁴ u fruntieri interni fejn għadhom ma tneħħewx il-kontrolli;
- (4) “sezzjoni tal-fruntiera esterna” tfisser taqsima tal-fruntiera esterna kif definita fil-punt (2) tal-Artikolu 11 tar-Regolament (UE) 2019/1896²⁵;
- (5) “fruntieri interni fejn għadhom ma tneħħewx il-kontrolli” tfisser:
 - (a) il-fruntiera komuni bejn Stat Membru li jkun qed jimplimenta b’mod sħiħ l-acquis ta’ Schengen u Stat Membru marbut li japplika l-acquis ta’ Schengen b’mod sħiħ, f’konformità mal-Att tal-Adeżjoni tiegħu, iżda li għalih tkun għadha ma daħlitx fis-seħħ id-Deċiżjoni tal-Kunsill rilevanti li tawtorizzah japplika dak l-acquis b’mod sħiħ;
 - (b) il-fruntiera komuni bejn żewġ Stati Membri li huma marbuta li japplikaw l-acquis ta’ Schengen b’mod sħiħ, f’konformità mal-Atti tal-Adeżjoni rispettivi tagħhom, iżda li għalihom għadha ma daħlitx fis-seħħ id-Deċiżjoni tal-Kunsill rilevanti li tawtorizzahom japplikaw b’mod sħiħ dak l-acquis.
- (6) “Stat Membru benefiċjarju” tfisser Stat Membru benefiċjarju kif definit fl-Artikolu 2, il-punt (19) tar-Regolament (UE) 2024/1351;
- (7) “Stat Membru kontribwenti” tfisser Stat Membru kontribwenti kif definit fl-Artikolu 2, il-punt (20) tar-Regolament (UE) 2024/1351;
- (8) “kontribuzzjonijiet finanzjarji” tfisser kontribuzzjonijiet finanzjarji f’konformità mal-Artikolu 56(2), il-punt (b) tar-Regolament (UE) 2024/1351.

²² Ir-Regolament (UE) 2016/399 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta’ Marzu 2016 dwar Kodiċi tal-Unjoni dwar ir-regoli li jirregolaw il-moviment ta’ persuni minn naħa għal oħra tal-fruntieri (il-Kodiċi tal-Fruntieri ta’ Schengen) (kodifikazzjoni), (ĠU L 77, 23.3.2016, p. 1–52, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2016/399/oj>).

²³ Ir-Regolament (UE) 2019/1896 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta’ Novembru 2019 dwar il-Gwardja Ewropea tal-Fruntiera u tal-Kosta u li jħassar ir-Regolamenti (UE) Nru 1052/2013 u (UE) 2016/1624, (ĠU L 295, 14.11.2019, p. 1–131).

²⁴ Ir-Regolament (UE) 2016/399 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta’ Marzu 2016 dwar Kodiċi tal-Unjoni dwar ir-regoli li jirregolaw il-moviment ta’ persuni minn naħa għal oħra tal-fruntieri (il-Kodiċi tal-Fruntieri ta’ Schengen) (kodifikazzjoni), (ĠU L 77, 23.3.2016, p. 1–52).

²⁵ Ir-Regolament (UE) 2019/1896 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta’ Novembru 2019 dwar il-Gwardja Ewropea tal-Fruntiera u tal-Kosta u li jħassar ir-Regolamenti (UE) Nru 1052/2013 u (UE) 2016/1624, (ĠU L 295, 14.11.2019, p. 1–131).

Obiettivi għall-appoġġ tal-Unjoni għaż-żona Schengen, għall-ġestjoni integrata Ewropea tal-fruntieri esterni u għall-politika komuni dwar il-viżi

1. Sabiex tiġi żgurata ġestjoni integrata Ewropea tal-fruntieri b'saħħitha u effettiva fil-fruntieri esterni, żona Schengen li tiffunzjona tajjeb u politika effiċjenti dwar il-viżi, l-appoġġ tal-Unjoni għandu jikkontribwixxi għal kull wieħed mill-obiettivi li ġejjin:
 - (a) l-appoġġ għall-implimentazzjoni, l-applikazzjoni u l-iżvilupp effettivi tal-qafas ta' Schengen u t-tisħiħ tal-governanza, l-integrità u s-sigurtà taż-żona Schengen mingħajr fruntieri interni;
 - (b) l-appoġġ għall-ġestjoni integrata Ewropea effettiva tal-fruntieri esterni, implimentata mill-Gwardja Ewropea tal-Fruntiera u tal-Kosta bħala responsabbiltà kondiviża tal-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta u l-awtoritajiet nazzjonali responsabbli għall-ġestjoni tal-fruntieri, inkluż permezz ta' metodi innovattivi u teknoloġiji ġodda, biex jiġi ffaċilitat il-qsim leġittimu tal-fruntieri, jiġu evitati u identifikati l-immigrazzjoni illegali, il-kriminalità transfruntiera, u l-istrumentalizzazzjoni u l-użu tal-migrazzjoni irregolari bħala arma, biex jingħata kontribut għar-ritorn effettiv;
 - (c) l-appoġġ għall-politika komuni dwar il-viżi biex jiġi żgurat approċċ armonizzat fir-rigward tal-ħruġ f'waqt ta' viżi u biex jiġi ffaċilitat l-ivvjaġġar leġittimu, filwaqt li jiġu evitati riskji migratorji u ta' sigurtà u jingħata kontribut għas-sigurtà u għall-funzjonament tajjeb taż-żona Schengen.

L-appoġġ tal-Unjoni għandu jiġi implimentat b'mod kompletament konsistenti mal-obiettivi stabbiliti fir-Regolament (UE) [...] li jistabbilixxi l-Fond Ewropew għall-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali, l-agrikoltura u rurali, is-sajd u s-settur marittimu, il-prosperità u s-sigurtà.

2. L-appoġġ tal-Unjoni għandu jiġi implimentat skont l-acquis rilevanti tal-Unjoni u l-obbligi internazzjonali tal-Unjoni u tal-Istati Membri li jirriżultaw mill-istrumenti internazzjonali li għalihom huma parti.
3. L-istati Membri għandhom jiżguraw li l-prijoritajiet tal-Pjanijiet ta' Sħubija Nazzjonali u Reġjonali tagħhom jinkludu azzjonijiet biex jinkiseb kull wieħed mill-obiettivi tal-appoġġ tal-Unjoni skont dan ir-Regolament, u, li l-allokazzjoni tar-riżorsi bejn l-obiettivi tkun proporzjonata għall-isfidi u l-ħtiġijiet identifikati.

Finanzjament

1. il-pakkett finanzjarju indikattiv għall-implimentazzjoni tal-obiettivi stabbiliti fl-Artikolu 3 għall-perjodu mill-2028 sal-2034 huwa stabbilit għal EUR 15 396 750 000 fi prezzijiet attwali. Dan għandu jiġi implimentat f'konformità mar-regoli orizzontali għall-Pjanijiet ta' Sħubija Nazzjonali u Reġjonali stabbiliti fir-Regolament (UE) [...] li jistabbilixxi l-Fond Ewropew għall-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali, l-agrikoltura u ż-żoni rurali, is-sajd u s-settur marittimu, il-prosperità u s-sigurtà.
2. Il-Kummissjoni għandha tadotta att ta' implimentazzjoni biex tistabbilixxi l-ammont għal kull Stat Membru billi tapplika l-metodoloġija tal-allokazzjoni stabbilita fit-

Taqsim B, l-Anness I tar-Regolament (UE) [...] li jistabbilixxi l-Fond Ewropew għall-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali, l-agrikoltura u ż-żoni rurali, is-sajd u s-settur marittimu, il-prosperità u s-sigurtà.

3. Barra minn hekk, l-appropriazzjonijiet baġitarji għall-oġġettivi stabbiliti fl-Artikolu 3 ta' dan ir-Regolament, implimentati permezz tal-Faċilità tal-UE skont it-Titolu IV tar-Regolament (UE) [...] li jistabbilixxi l-Fond Ewropew għall-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali, għall-agrikoltura u rurali, għas-sajd u għas-settur marittimu, għall-prosperità u għas-sigurtà, għandhom jiġu stabbiliti fil-qafas tal-proċedura baġitarja annwali prevista fl-Artikolu 314 TFUE.
4. Għal miżuri li huma relatati mal-oġġettivi stabbiliti fl-Artikolu 3 ta' dan ir-Regolament, fejn il-Kummissjoni tikkonkludi li daww il-miżuri jikkonformaw mar-rekwiżiti stabbiliti f'dan ir-Regolament u r-Regolament (UE) [...] li jistabbilixxi l-Fond Ewropew għall-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali, l-agrikoltura u rurali, is-sajd u t-trasport marittimu, il-prosperità u s-sigurtà, u fejn il-Kummissjoni tipproponi deċiżjoni ta' implimentazzjoni tal-Kunsill li tapprova l-Pjan ta' Sħubija Nazzjonali u Reġjonali tal-Istat Membru kkonċernat f'konformità mal-proċedura stabbilita fl-Artikolu 23 tar-Regolament (UE) [...] li jistabbilixxi l-Fond Ewropew għall-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali, l-agrikoltura u ż-żoni rurali, is-sajd u s-settur marittimu, il-prosperità u s-sigurtà, hija għandha tagħmel proposta għal deċiżjoni ta' implimentazzjoni tal-Kunsill dwar l-approvazzjoni ta' daww il-miżuri.
5. Meta tagħmel proposta għal deċiżjoni ta' implimentazzjoni tal-Kunsill dwar il-miżuri relatati mal-oġġettivi stabbiliti fl-Artikolu 3 ta' dan ir-Regolament, il-proposta tal-Kummissjoni għandha tistabbilixxi l-elementi msemmija fl-Artikolu 23(4) tar-Regolament (UE) [...] li jistabbilixxi l-Fond Ewropew għall-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali, l-agrikoltura u rurali, is-sajd u t-trasport marittimu, il-prosperità u s-sigurtà, fir-rigward tal-oġġettivi stabbiliti fl-Artikolu 3.
6. Il-Kunsill għandu jadotta d-deċiżjoni ta' implimentazzjoni msemmija fil-paragrafu 4, bħala regola, fi żmien erba' ġimgħat mill-adozzjoni tal-proposta tal-Kummissjoni u flimkien mad-deċiżjonijiet ta' implimentazzjoni msemmija fl-Artikolu 23, il-paragrafu (1) [*proposta tal-Kummissjoni u deċiżjoni ta' implimentazzjoni tal-Kunsill*] tar-Regolament (UE) [...] li jistabbilixxi l-Fond Ewropew għall-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali, l-agrikoltura u ż-żoni rurali, is-sajd u s-settur marittimu, il-prosperità u s-sigurtà.
7. L-Artikolu 24 tar-Regolament (UE) [...] li jistabbilixxi l-Fond Ewropew għall-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali, l-agrikoltura u ż-żoni rurali, tas-sajd u marittimi, il-prosperità u s-sigurtà dwar l-emendar tal-Pjanijiet għandu japplika, dment li l-proposta tal-Kummissjoni u d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill li japprovaw l-emendi tal-elementi elenkati fl-Artikolu 23(4) ikopru biss l-oġġettivi msemmija fl-Artikolu 3 ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 5

Pajjiżi Assoċjati ta' Schengen

F'konformità mad-dispożizzjonijiet rilevanti tal-ftehimiet ta' assoċjazzjoni rispettivi tagħhom, għandhom isiru arranġamenti sabiex jispeċifikaw in-natura u l-modalitajiet tal-parteċipazzjoni fl-appoġġ tal-Unjoni mill-pajjiżi assoċjati mal-implimentazzjoni, l-applikazzjoni u l-iżvilupp tal-acquis ta' Schengen. Kemm jista' jkun malajr wara li l-pajjiż ikkonċernat ikun innotifika

d-deċiżjoni tiegħu li jaċċetta l-kontenut tal-appoġġ tal-Unjoni u li jimplimentah fl-ordni legali intern tiegħu, f'konformità mal-ftehim ta' assoċjazzjoni rilevanti, il-Kummissjoni għandha tippreżenta rakkomandazzjoni lill-Kunsill għall-ftuħ ta' negozjati dwar dawk l-arranġamenti taħt l-Artikolu 218(3) TFUE. Malli jirċievi r-rakkomandazzjoni, il-Kunsill għandu jaġixxi mingħajr dewmien biex jiddeċiedi dwar l-awtorizzazzjoni tal-ftuħ ta' dawk in-negozjati. Il-kontribuzzjonijiet finanzjarji minn dawk il-pajjiżi għandhom jiżdiedu mar-riżorsi globali disponibbli mill-pakkett finanzjarju msemmi fl-Artikolu 4.

Artikolu 6

Appoġġ għall-Iskema ta' Tranżitu Speċjali

1. Ammont sa EUR 450 000 000 għandu jiġi allokat lill-Pjan ta' Sħubija Nazzjonali u Reġjonali tal-Litwanja skont ir-Regolament (UE) [...] li jistabbilixxi l-Fond Ewropew għall-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali, l-agrikoltura u ż-żoni rurali, is-sajd u l-affarijiet marittimi, il-prosperità u s-sigurtà biex jipprovdi appoġġ għal introjtu mitluf mill-ipproċessar ta' viżi għal soġġorn qasir u kostijiet addizzjonali fl-implimentazzjoni tal-iskema tad-Dokument ta' Tranżitu Faċilitat (FTD) u d-Dokument ta' Tranżitu Faċilitat bil-Ferrovija (FRTD) f'konformità mar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 693/2003 u r-Regolament (KE) Nru 694/2003 emendat bir-Regolament (UE) 2023/2667 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.
2. Għall-fini tal-paragrafu 1, l-appoġġ mill-Unjoni għall-introjtu mitluf għandu jkun ibbażat fuq il-ħruġ ta' FTDs u FRTDs. Il-limitu massimu għall-appoġġ għandu jkun stabbilit għal EUR 100 000 000.
3. Għall-fini tal-paragrafu 1, l-appoġġ mill-Unjoni għandu jkopri l-kostijiet addizzjonali stmati li jirriżultaw direttament mir-rekwiżiti speċifiċi tal-implimentazzjoni tal-operazzjoni tal-iskema ta' Tranżitu Speċjali u li mhumx iġġenerati bħala riżultat tal-ħruġ ta' viżi skont ir-Regolament (KE) Nru 810/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽²⁶⁾.

il-kontribuzzjoni massima tal-baġit tal-Unjoni għandha tkun ta' 100 % tal-kostijiet totali stmati. il-limitu massimu għal dan l-appoġġ għandu jkun stabbilit għal EUR 350 000 000.

il-kostijiet addizzjonali stmati għandhom ikopru b'mod partikolari:
 - (a) investiment f'infrastrutturi, mezzi ta' trasport, sistemi tal-iCT u tagħmir meħtieġa għat-tħaddim tal-iskema ta' Tranżitu Speċjali;
 - (b) taħriġ ta' persunal li jimplimentaw l-Iskema ta' Tranżitu Speċjali;
 - (c) kostijiet operazzjonali addizzjonali, inklużi l-kostijiet tal-persunal għall-implimentazzjoni tal-iskema ta' Tranżitu Speċjali.
4. Il-Kummissjoni u l-Litwanja għandhom jirrieżaminaw l-applikazzjoni ta' dan l-Artikolu f'każ ta' ċirkostanzi mhux previsti li jkollhom impatt fuq l-eżistenza jew il-funzjonament tal-Iskema ta' Tranżitu Speċjali.
5. L-ammonti msemmija fil-paragrafi 2 u 3 għandhom jiġu allokat lill-Pjan ta' Sħubija Nazzjonali u Reġjonali tal-Litwanja. Dawk l-ammonti ma għandhomx jintużaw għal

²⁶ Ir-Regolament (KE) Nru 810/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2009 li jistabbilixxi Kodiċi Komunitarju dwar il-Viżi (Kodiċi dwar il-Viżi) (ĠU L 243, 15.9.2009, p. 1-58, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2009/810/oj>)

miżuri oħra fil-Pjan ħliet f'ċirkostanzi debitament ġustifikati, kif approvat mill-Kummissjoni permezz tal-emenda ta' dak il-Pjan skont l-Artikolu 24 tar-Regolament (UE) [...] li jistabbilixxi l-Fond Ewropew għall-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali, għall-agrikoltura u rurali, għas-sajd u għas-settur marittimu, għall-prosperità u għas-sigurtà.

Wara talba motivata mil-Litwanja, l-ammont imsemmi fil-paragrafu 3 jista' jiġi rieżaminat u, fejn meħtieġ, aġġustat qabel l-adozzjoni tal-aħħar programm ta' hídma skont l-Artikolu 31 tar-Regolament (UE) [...] li jistabbilixxi l-Fond Ewropew għall-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali, l-agrikoltura u ż-żoni rurali, is-sajd u s-settur marittimu, il-prosperità u s-sigurtà. Kwalunkwe ammont addizzjonali ser jiġi allokat għall-Pjan ta' Sħubija Nazzjonali u Reġjonali tal-Litwanja f'konformità mal-Artikolu 31(7) tar-Regolament (UE) [...] li jistabbilixxi l-Fond Ewropew għall-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali, l-agrikoltura u ż-żoni rurali, is-sajd u s-settur marittimu, il-prosperità u s-sigurtà.

Artikolu 7

Riżorsi għall-kostijiet operattivi tas-Sistema Ewropea ta' informazzjoni u ta' Awtorizzazzjoni għall-ivvjaġġar (ETiAS)

1. Kull Stat Membru għandu jistabbilixxi sistema effettiva u affidabbli li tiżgura li l-kostijiet operatorji mġarrba minn dak l-Istat Membru skont l-Artikolu 85(2) u 85 (3) tar-Regolament (UE) 2018/1240 jiġu identifikati u rreġistrati b'mod adegwat. Sal-31 ta' Jannar ta' kull sena, u għall-ewwel darba sal-31 ta' Jannar 2029, l-istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni l-kostijiet operattivi totali mġarrba għas-sena preċedenti.
2. Abbażi tal-informazzjoni kkomunikata mill-istati Membri f'konformità mal-paragrafu 1, il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi l-ammont ta' dħul iġġenerat mit-tariffi tal-ETiAS li għandhom jiġu assenjati f'konformità mal-Artikolu 86, it-tieni sentenza tar-Regolament (UE) 2018/1240 biex jiġu koperti l-kostijiet operattivi mġarrba mill-istati Membri. il-Kummissjoni għandha tqiegħed għad-dispożizzjoni ta' kull Stat Membru s-sehem rispettiv tagħhom ta' dan l-ammont.
3. Jekk l-ammont tal-kostijiet operatorji totali kkomunikati mill-Istati Membri skont il-paragrafu 1 jaqbeż id-dħul disponibbli tal-ETiAS, jew, jekk l-ammont ta' spejjeż imġarrba biex jiġu personalizzati u awtomatizzati l-verifiki fil-fruntieri sabiex tiġi implimentata l-ETiAS jaqbeż il-limiti stabbiliti fl-Artikolu 85 (3) tar-Regolament (UE) 2018/1240, il-Kummissjoni għandha tikkalkula tnaqqis pro rata ta' dawn l-ammonti.
4. Jekk l-ammont tal-kostijiet operattivi totali f'sena partikolari jaqbeż id-dħul disponibbli tal-ETiAS, il-Kummissjoni għandha sussegwentement tagħmel disponibbli għall-istati Membri l-ammont li jikkorrispondi għat-tnaqqis pro rata tal-kostijiet operattivi totali tagħhom mid-dħul iġġenerat mit-tariffi tal-ETiAS.

Artikolu 8

Kontribuzzjonijiet finanzjarji għar-Riżerva Annwali ta' Solidarjetà

il-Kummissjoni għandha tikkalkula u tagħmel disponibbli għal kull Stat Membru benefiċjarju s-sehem rispettiv tal-kontribuzzjonijiet finanzjarji ttrasferiti mill-istati Membri kontribwenti f'konformità mal-Artikolu 64(1) tar-Regolament UE 2024/1351 għall-fini tal-

implimentazzjoni tal-azzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 56(2)(b) tar-Regolament (UE) 2024/1351.

Artikolu 9

Dispożizzjonijiet tranżizzjonali

Dan ir-Regolament ma għandux jaffettwa t-tkomplija jew il-modifika tal-azzjonijiet mibdija skont ir-Regolament (UE) 2021/1148, li għandhom ikomplu japplikaw għall-azzjonijiet ikkonċernati sal-għeluq tagħhom.

Artikolu 10

Dħul fis-seħħ u applikazzjoni

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-[għoxrin] jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Għandu japplika mid-data tal-applikazzjoni tar-Regolament (UE) [...] li jistabbilixxi l-Fond Ewropew għall-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali, l-agrikoltura u ż-żoni rurali, is-sajd u s-settur marittimu, il-prosperità u s-sigurtà għall-perjodu 2028-2034.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri skont it-Trattati.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Parlament Ewropew
Il-President

Għall-Kunsill
Il-President